# LEĦEN IS-SANTWARJU TA' ĦAŻ-ŻABBAR



**MARZU 2021 – Ħarġa Nru: 189**

*Il-Kelma tal-Arċipriet...*

## F'DAGĦJSA WAĦDA!

Għadha f'moħħna x-xena tar-raġel xwejjaħ liebes l-abjad, tiela waħdu mir-rampa ta' quddiem il-Bażilika ta' San Pietru, f'ajru msaħħab, b'xita rxiex u pjazza vojta!

Is-27 ta' Marzu 2020, filgħaxija, kien mument li żamm lid-dinja mwaħħla mal-iscreens. Kien l-eqqel tal-ewwel stadju tal-pandemija. It-talb, id-diskors tal-Papa, il-kant sobriju, il-barka Urbi et Orbi f'xita qliel … kienet tassew lejla mill-aktar suġġestiva!

**Impatt qawwi**

Minkejja li dak iż-żmien, in-numru ta' mwiet u każijiet ġodda f'ċerti pajjiżi kienu għoljin, ilkoll konna naħsbu li wara s-sajf il-pandemija kienet se tbatti u bil-mod il-mod, nerġgħu għall-ħajja normali tagħna. Illum nafu li dan ma seħħx u d-dinja daħlet fit-tielet stadju tagħha!

Ħafna għejjew, it-tensjoni ħakmet lil diversi, in-nuqqas ta' dħul finanzjarju qiegħed



jagħfas, id-dispjaċir għat-telfien tal-għeżież qed iħalli marka fuq min ġarrabha. Il-fatt li ma tistax tgħannaq lil dawk li tawk il-ħajja u rabbewk, inissel dieqa. Ir-restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet soċjali qed iwasslu biex ħafna jitilfu l-gost tal-ħajja… Dan kollu effett tal-Covid-19!

Ir-Randan ta' din is-sena hu differenti minn tas-sena l-oħra. Filwaqt li r-Randan 2020 ġie fil-bidu tal-pandemija u kellna t-tama li din se tgħaddi malajr, ir-Randan 2021 qed jurina li minflok ma din battiet, iktar qed tgħolli rasha. Issa jidher li qed nirrassenjaw ruħna li din fadallha magħna jekk mhux ukoll… irridu nitgħallmu ngħixu biha bħall-influwenza!

**Magħġun ma' ħajjithom**

Tajjeb inġibu quddiem għajnejna li dawn it-tensjonijiet li aħna qed inġarrbu minħabba l-Covid-19, hawn nies li dan it-tiġrib sar parti minn ħajjithom:

* Tant nies jgħixu f'tensjoni minħabba l-gwerer li ilhom is-snin għaddejjin f'pajjiżhom;
* Tant nies b'futur inċert. Kellhom iħallu pajjiżhom minħabba l-qadgħa mwegħra ekonomika jew il-persekuzzjoni, tant li llum huma rifuġjati f'pajjiżi barranin;
* Tant nies li l-qadgħa finanzjarja tagħhom qed twassalhom jgħixu fil-povertà;
* Tant nies li jitilfu l-għeżież tagħhom minħabba ħtif, attakki terroristiċi u inġustizzji ta' kull forma.

Dak li aħna qed inġarrbu f'dan iż-żmien, għal diversi madwar id-dinja sar il-ħobżna ta' kuljum!

**Fejqan**

Hemm ukoll karatteristiċi pożittivi ta' din il-pandemija: is-solidarjetà li aħna qed nuru mal-vulnerabbli; li ma nieħdux "for-granted" lil dawk li huma anzjani fostna; li ma nqisux lilna nfusna bħala "allat żgħar" li ħadd ma jista' għall-moħħ u l-qawwa tal-bniedem.

F'kelma waħda, il-pandemija ġagħlitna numiljaw ruħna u nagħrfu wkoll il-limitazzjonijiet tagħna.

Dan kollu ma kellniex għalfejn nitgħallmuh minn pandemija. Aħna l-Insara, allanqas, għandna eżempju fl-Imgħallem tagħna Ġesù. Hu ħa fuqu l-mard tagħna biex permezz tiegħu aħna fiqna.

Jalla dan il-fejqan li hu kisbilna permezz tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet, inkomplu ngawduh. Dan nagħmuh billi nitgħallmu l-lezzjonijiet kollha li l-Covid-19 qed tgħallimna u nibqgħu insostnuh fil-futur.

***Dun Evan***

## NILTAQGĦU NHAR … MARZU 2021

**Ġimgħa 5:** *L-ewwel Ġimgħa tax-xahar.* Fis-6.45pm it-tieni laqgħa tar-Randan għall-adolexxenti tal-Griżma.
**Ħadd 7:** **It-Tielet Ħadd tar-Randan.** Fil-Ħdud tar-Randan, fil-11.30am quddiesa għall-Familji.
**Tnejn 8:** Wara l-quddiesa tat-8.30am **Eżerċizzi għal Kulħadd** minn Fr. Jonathan Debattista
**Ġimgħa 12:** Fis-6.45pm it-tieni laqgħa għall-adolexxenti li jattendu l-Ħames klassi tal-katekiżmu bi tħejjija għall-Griżma.
**Ħadd 14:** **Ir-Raba' Ħadd tar-Randan – Ħadd il-Laetare**
**Ġimgħa 19:** **Solennità ta' San Ġużepp, Għarus tal-Verġni Marija**. Festa pubblika. Xieraq li nqaddsu dan il-jum bis-smigħ tal-quddies li jkun bħal nhar ta' xogħol. Fl-okkażjoni tas-**Sena ta' San Ġużepp**, fis-6.00pm Konċelebrazzjoni.
**Ħadd 21:** **Il-Ħames Ħadd tar-Randan**
**Tnejn 22:** Waqt il-quddiesa tas-6.00pm, **Eżerċizzi għal Kulħadd** mill-Kan. Ryan Pace.
**Ġimgħa 26:** *Festa popolari ta' Ommna Marija tad-Duluri*. Filgħodu quddies fil-ħinijiet tas-soltu. Filgħaxija: 6.00pm quddiesa. Fis-7.00pm Via Matris. Fis-7.30pm l-aħħar quddiesa.
**Ħadd 28:** **Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej.** Fl-10.15am tberik tal-friegħi tal-palm u ż-żebbuġ Konċelebrazzjoi Solenni.
**Tnejn 29:** *It-Tnejn tal-Ġimgħa l-Kbira*. Fis-6.00pm quddiesa bl-omelija. Fis-7.00pm quddiesa għall-adolexxenti tal-Ħames sena tal-Katekiżmu flimkien mal-ġenituri.
**Tlieta 30:** *It-Tlieta tal-Ġimgħa l-Kbira.* Fis-6.00pm quddiesa bl-omelija. Fis-7.00pm quddiesa għall-adolexxenti tal-Griżma flimkien mal-ġenituri.
**Erbgħa 31:** *L-Erbgħa tal-Ġimgħa l-Kbira*. Jum il-Ħelsien - festa nazzjonali u pubblika. Fis-7.00pm konferenza fis-santwarju dwar it-tifsir tal-Ġimgħa Mqaddsa.

### INGĦAQDU MAL-MULEJ GĦAL DEJJEM

Carmelo Said (84), Jimmy Buhagiar (69), Tereża Scicluna (87), Grazio Meilak (73), Nazzareno Scicluna (81), Margaret Lea (82), Michael Galdes (71), Emmanuel Refalo (91), Angelo Bonnici (67), Freddie Farrugia (73), Stella Cucciardi (88), Felicia Scicluna (88), Maria Farrugia (84), Tarcisio Borg (76), Alfred Pulis (76), Carmelo Scicluna (77), Maria Sciberras (64).
*Agħtihom, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.*